**31 ta' Lulju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Francis Borg u Anthony *sive* Twanny Borg

**Raġunijiet Speċjali u Straordinarji**

*Id-diċitura ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, aċċentwata bil-frażi "bir-reqqa kollha", timponi li fl-applikazzjoni ta' l-istess artikolu, il-Qorti għandha ssemmi espressament dawk ir-raġunijiet speċjali u*

*straordinarji, kif ukoll għandha tgħid jew tindika kjarament li tkun qiegħda tapplika l-artikolu 21 għal dawk l-istess raġunijiet. Mis-sentenza nnifisha għandu jkun jidher univokament li dan l-artikolu jkun qiegħed jiġi applikat għar-raġunijiet espressi fis-sentenza.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijet li f'dawn il-Gżejjer, fl-għaxra (10) ta' Settembru, 1991 bejn is-sebgħa ta' fil-għaxija (7.00 p.m.) u nofs il-lejl:

Anthony *sive* Twanny Borg:

Seraq lil Josette Paris ta' sittax(16)-il sena bil-vjolenza, bil-ħsieb li jabbuża minnha;

B'għemil żieni, ikkorrompa lil Josette Paris ta' sittax(16)-il sena, persuna taħt l-eta' liema delitt sar b'theddid jew b'qerq;

Ġarr fuqu strument li jaqta' u bil-ponta (mus) mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Uża vjolenza sabiex ġiegħel lil Josette Paris tagħmel, tħalli isir, jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa; u

Francis Borg:

Kien kompliċi fir-reat (1) attribwit lil Anthony *sive* Twanny Borg billi b'xi mod li jkun xjentement għen jew assista lill-istess Anthony *sive* Twanny Borg l-awtur tad-delitt imsemmi fil-paragrafu (1) fl-atti li bihom id-delitt kien ġie ppreparat jew ikkunsmat;

Rat is-sentenza tas-17 ta' Ġunju, 1992 li biha l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet hekk:

"Il-Qorti ssib lill-imputat Anthony Borg mhux ħati ta' l-akkużi taħt l-artikolu 203 Kap. 9 u 13, 19 Kap. 66 li minnhom tilliberah;

Issibu u lill-imputat Francis Borg, ħatja ta' l-ewwel akkuża;

Rat l-artikoli 86, 87(c)(g); 42, 43 Kap. 9;

Il-Qorti tirrileva li dwar in-rinunzja ta' Josette Paris u missierha, dina mhix ċara u univoka u ma ngħatawx garanziji adegwati. Inoltre l-akkużi li tagħhom instabu ħatja l-imputati mhumiex rinunzjabbli (ara artikoli 543(d), 544 *proviso* u 373 tal-Kap.9);

In vista tal-gravita' tal-każ, tal-fedina penali ta' l-imputati li mhi xejn rassikuranti u wara li ħadet in konsiderazzjoni r-rwol differenti li ħadu l-imputati;

Wara li rat il-provvediment ta' l-artikoli 28A u B ta' l-istess Kap. 9;

Tikkundanna lilll-imputat Anthony Borg għall-piena ta' priġunerija għall-perijodu ta' sentejn, liema sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin mil-lum, hu jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

Lil Francis Borg tikkundannah għall-piena ta' priġunerija ta' sena liema sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn mil-lum il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih

hemm il-piena ta' priġunerija. Il-Qorti qiegħda tfisser dana lill-akkużati. Torbot finalment lill-imputati taħt garanzija personali ta' Lm100 kull wieħed li ma jimmolestawx lill-familja Paris, speċjalment lil Josette Paris, għall-perijodu ta' sena mil-lum taħt l-artikolu 383 Kap. 9";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Ġunju, 1992 fil-kawża fl-ismijiet premessi billi tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat Francis Borg għall-piena ta' priġunerija ta' sena liema sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u minflok tagħti dik il-piena li fix-xorta u fil-kobor tagħha tkun dik ikkontemplata mil-liġi għar-reat li l-ikkundannat ġie misjub ħati tiegħu u tbiddilha wkoll f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Anthony *sive* Twanny Borg mhux ħati ta' l-akkuża ta' korruzzjoni aggravata ta' minuri taħt l-artikolu 203 tal-Kap. 9 u fejn ikkundanatu għall-piena ta' priġunerija għall-perijodu ta' sentejn liema sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jew matul il-perijodu ta' erba' snin hu jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u minflok issibu ħati ta' l-akkuża msemmija u konsegwentement tgħaddi biex ukoll fil-konfront tiegħu tinfliġġi dik il-piena li fix-xorta u fil-kobor tagħha tkun dik ikkontemplata mil-liġi għar-reati li fuqhom l-ikkundannat ikun ġie misjub ħati u tikkonfermaha fil-bqija;

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattat l-appell tikkunsidra illi:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli l-piena inflitta fil-konfront ta' l-appellat Francis Borg hija taħt il-minimu preskritt

mil-liġi;

Fir-rigward ta' dan l-aggravju, Francis Borg ġie misjub ħati bħala kompliċi fid-delitt ta' sekwestru tal-persuna, aggravat billi dik il-persuna ġiet offiża fuq il-persuna u billi d-delitt sar bħala mezz biex dik il-persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha. Il-piena minima għal dan id-delitt hekk aggravat hija ta' tlettax-il xahar priġunerija (artikoli 86 u 87(c)(g) tal-Kodiċi Kriminali. Il-kompliċi f'dan id-delitt huwa soġġett għall-piena stabbilita għall-awtur (artikolu 43 tal-Kodiċi Kriminali). Fil-konfront ta' Francis Borg l-ewwel Qorti applikat il-piena ta' priġunerija għal sena li hija taħt il-piena minima msemmija;

Fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-appellati ġie sottomess a rigward Francis Borg, l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, li jawtorizza l-inflizzjoni ta' piena taħt il-minimu għal raġunijet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza;

Id-diċitura ta' dan l-artikolu 21, aċċentwata bil-frażi "bir-reqqa kollha", timponi li fl-applikazzjoni ta' l-istess artikolu, il-Qorti għandha ssemmi espressament dawk ir-raġunijiet speċjali u straordinarji, kif ukoll għandha tgħid jew tindika kjarament li tkun qiegħda tapplika l-artikolu 21 għal dawk l-istess raġunijiet. Mis-sentenza nnifisha għandu jkun jidher univokament li l-artikolu 21 ikun qiegħed jiġi applikat għar-raġunijiet espressi fis-sentenza;

Fin-nota ta' l-appellati ġie sottomess li ċerti osservazzjonijiet li hemm fis-sentenza appellata jikkostitwixxu r-raġunijiet speċjali u straordinarji li trid il-liġi. Jiġi rrilevat li dawk l-osservazzjonijiet

l-ewwel Qorti għamlithom kjarament b'riferenza għall-meritu tat-tieni imputazzjoni kontra Anthony Borg u mhux b'riferenza għall-piena. Inoltre fl-ewwel sentenza m'hemm ebda ħjiel ta' intenzjoni tal-Qorti li tapplika l-artikolu 21 in kwistjoni;

It-tieni aggravju ta' l-Avukat Ġenerali huwa li kwantu għall-imputazzjoni tal-korruzzjoni ta' Josette Paris, l-ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi. Rigward dan l-aggravju l-appellati ssottomettew li l-Avukat Ġenerali ma kellux dritt jappella "stante li si tratta fuq appell ta' fatti u piena u mhux fuq xi interpretazzjoni ta' xi liġi". Għalhekk l-appellati eċċepew in-nullita` ta' l-appell, kwantu naturalment jirrigwarda dan it-tieni aggravju ta' l-appellant;

Dwar din l-eċċezzjoni, il-kwistjoni ssollevata bl-appell tirrigwarda l-punt jekk il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti dwar l-elementi tar-reat kinux korretti. F'dan is-sens id-deċiżjoni hija appellabbli mill-Avukat Ġenerali, għaliex allura m'hemmx involut biss apprezzament ta' fatt, imma anke kwistjoni ta' konkors jew le ta' l-elementi kostituttivi tar-reat (ara Kollez. Vol. XXIX.IV.713 *et seq*);

Rigward it-tieni aggravju msemmi ta' l-appellant, il-fatti saljenti li jirriżultaw mill-provi huma dawn. Fid-data u l-ħin indikati fl-imputazzjoni l-appellat Anthony Borg, bl-għajnuna ta' l-appellat l-ieħor Francis Borg, ħataf lil Josette Paris ta' sittax-il sena, u bil-vjolenza u kontra l-volonta` tagħha ġiegħla tidħol fil-karozza tiegħu. Sakkar il-karozza biex Paris ma taħrabx, saq bil-ġiri, u ħa lil Josette Paris f'*garage* fejn żammha magħluqa kontra l-volonta` tagħha. Hemmhekk, meta hi ma ħallitux jabbuża minnha, tefagħha fuq sodda, intefa' fuqha u ried ikollu x'jaqsam magħha;

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ddikjarat li l-imputazzjoni kontra Anthony Borg tal-korruzzjoni ta' Josette Paris ma tirriżultax billi, fi kliem il-Qorti "Josette Paris mhix il-persuna li kellha f'moħħha l-liġi li tipproteġi - u dana meta l-Qorti tqis l-eta` tagħha (sbatax-il sena meta ġie kommess l-allegat reat) u l-fatt li dina l-akkuża hija konsegwenza ta' l-akkuża prinċipali u ma kinitx l-akkuża prinċipali; u jidher ukoll li dak li kien isir qabel, meta kienu għadhom joħorġu flimkien kien isir bil-kunsens ta' xulxin u l-partijiet, speċjalment Josette Paris kienet taf x'qed tagħmel";

Fir-rikors ta' l-appell l-Avukat Ġenerali dwar il-bran premess mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, ikkommenta hekk:

"In kwantu għall-akkuża taħt l-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali l-ewwel Qorti evidentement għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi. Fl-ewwel lok il-Qorti rriteniet li Josette Paris mhux il-persuna li kellha f'moħħha l-liġi li tipproteġi. Kieku l-Qorti waqfet hemm, għalkemm il-frażi minnha użata kienet tibqa' waħda sibiliena u xejn impreċiża, kieku forsi seta' jingħad li din hi sempliċi kostatazzjoni ta' fatt marbuta ma' interpretazzjoni tal-liġi li ma ġietx espressament enunċjata. Il-Qorti iżda ma waqfitx hemm. Kompliet billi tat ir-raġuni għala Paris ma kinitx il-persuna li l-liġi kellha f'moħħha tipproteġi. Ir-raġunijiet li tat kienu: l-eta` tagħha ta' 17-il sena, meta dan ifisser li kienet minuri u l-eta` minuri hija anzi element essenzjali tar-reat; il-fatt li "dina l-akkuża hija konsegwenza ta' l-akkuża prinċipali u ma kinitx l-akkuża prinċipali" li b'daqshekk ma tirrendix lil Paris il-persuna li l-liġi ma kellhiex ħsieb tipproteġi, u peress li "jidher ukoll li dak li kien isir qabel, meta kienu għadhom joħorġu flimkien kien isir bil-kunsens ta' xulxin" meta fir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri il-kunsens o meno tal-minuri huwa irrilevanti u "l-partijiet speċjalment Josette Paris kienet taf x'qed tagħmel"

meta konsapevolezza da parti ta' l-aġent hija anzi element essenzjali għar-responsabilita` kriminali waqt li l-konsapevolezza da parti tas-suġġett passiv hi rrilevanti għall-finijiet ta' l-istess responsabilita`. Għalhekk ir-raġunijiet imsemmija mill-ewwel Qorti, la separatament u anqas kumulattivament ma jwasslu biex jirrendu lil Paris "mhix il-persuna li kellha f'moħħha l-liġi li tipproteġi" ....";

F'dawn il-kummenti l-Avukat Ġenerali għandu raġun in kwantu li l-eta` ta' sbatax-il sena (anzi ta' sittax) ta' Josette Paris, il-fatt li l-akkuża tal-korruzzjoni mhix l-akkuża prinċipali u l-kunsens ta' Anthony Borg tabilħaqq mhumiex raġunijiet għala Paris ma kinitx il-persuna li l-liġi kellha f'moħħha tipproteġi. Pero` jidher evidenti li mill-esperjenzi li Josette Paris kellha fir-relazzjonijiet preċedenti tagħha ma'Anthony Borg, l-ewwel Qorti dehrilha li Paris ma kinitx il-persuna li l-liġi kellha f'moħħha tipproteġi, fis-sens li Paris kienet ġa` korrotta b'mod li bl-għemil żieni issa kompjut magħmul minn Anthony Borg, hija ma setgħetx ġiet korrotta. Din hija kwistjoni ta' fatt u din il-Qorti ma tistax tindaħal fid-deċiżjoni dwarha ta' l-ewwel Qorti;

Għall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi:

Tirrevokaha f'dik il-parti li biha Francis Borg ġie kkundannat priġunerija ta' sena u minflok tikkundannah priġunerija ta' tlettax-il xahar; u

Tikkonferma l-istess sentenza fil-bqija;

Għal kull fini tikkjarifika li l-perijodu operattiv fil-każ ta' kull wieħed mill-imputati appellati beda jseħħ mis-17 ta' Ġunju, 1992, ċjoe` d-data tas-sentenza appellata u dan in vista ta' l-artikolu 416(4)

tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li f'ebda każ l-appell magħmul mill-Avukat Ġenerali ma jwaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza.